MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 125/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maria Dolores Agius**
**Anthony Caruana**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti moghtija fl-20 ta' Ottubru, 2004 li permezz taghha irriformat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet premessi u li biha, filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-appellati Maria Dolores Agius u Anthony Caruana gew liberati mill-ewwel imputazzjoni, irrevokatha f'dik il-parti fejn it-tieni imputazzjoni giet iddikjarata bhala preskritta u l-appellati lliberati minnha;

Rat illi permezz ta' dik is-sentenza preliminari l-appell gie differit ghal-lum ghall-provi u trattazzjoni dwar it-tieni imputazzjoni.

Rat il-verbal tallum li permezz taghha d-difensuri tal-appellati filwaqt li rrilevaw li nonostante li l-appellat Anthony Caruana kien xehed quddiem l-ewwel Qorti, dan ma giex registrat fil-verbal tal-1 ta’ Gunju, 2004, eccepew li minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami jkun opportun li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti;

Rat li Dott. Michela Spiteri ghall-appellant irrimettiet ruhha;

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb irrilevaw id-difensuri tal-appellati, fil-verbal tal-1 ta’ Gunju, 2004 ma jirrizultax illi gie ndikat li kien xehed Anthony Caruana;

Issa f’dan l-istadju tal-appell din il-Qorti ddikjarat li t-tieni imputazzjoni m’hijiex preskritta. Peress illi ghalhekk l-ewwel Qorti, minhabba li kienet iddecidiet li t-tieni imputazzjoni kienet preskritta, setghet ma semghetx il-provi ossia tat debitu konsiderazzjoni dwar jekk din it-tieni imputazzjoni tirrizultax jew le mill-provi, u minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, huwa opportun li l-atti jigu rinmessi lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tkompli tisma’ l-kaz u tiddeciedi rigward it-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-appellati u tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi dwar it-tieni imputazzjoni fil-mertu wara li tkun semghet il-provi opportuni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------